TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1236

KAZ NRU. 1484

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Casino Employees Union

u

Casma Limited

dwar Charles Cardona u Mario Brincat

Data : 8 ~~ta' Ottubru~~ 12 ta' Novembru 2001

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg Cardona

MEMBRI : Is-Sur Michael J. Mallia

Is-Sur Edward Abela

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 15 ta' Novembru 2000 b'referenza MSP/ 2/97/19 – 2061/00 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 27 (3) tal- Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 8 seduti.

Ghall-Casino Employees Union deher is-Sur Anthony Sciortino, Segretarju tal-Union, assistit mis-Sur Lino Vassallo tal-U.H.M. u ghall-Kumpanija deheru is-Sur Harold Walls, Chairman, u is-Sur Anthony Attard, Manager Human Resources, assistiti mill-Avukat Beppe Fenech Adami.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrizulta li Michael Riolo li kien impjegat bhala storekeeper, sa minn qabel l-1985 u skond il-prattika ta' dak iz-zmien, kien jircievi sehem mis-"Service Charge" ghaliex kien jaghti servizz lir-Restaurant. Billi dan ma kienx kapaci ghall-kitba kien gie mqabbad jghinu Mario Brincat u ta' dan kien jiehu nofs is-sehem tas-"Service Charge" li kien jircievi Riolo. Fl-1990 intalab jghin f'dan ix-xoghol ukoll Charles Cardona u Brincat beda jaghti nofs sehemu lill-Cardona. Ghalhekk bdew jircievu nofs sehem Riolo u kwart ta' sehem kull wiehed Brincat u Cardona.

Meta spicca mix-xoghol Riolo l-haddiema tar-Restaurant oggezzjonaw li Brincat u Cardona jibqaw jircievu sehem ghaliex dawn kienu jahdmu fl-amministrazzjoni u mhux fir-Restaurant. Kien intlahaq ftehim li jigi appuntat arbitru biex jiddeciedi fuq din il-kwistjoni izda meta dan ma sehhx il-Kumpanija bdiet tpoggi s-sehem in kwistjoni f"Suspense Account" sa kemm jigi deciz lil min ghandu jinghata.

Ma hemmx dubju li s-sehem kien jiehdu l-istorekeeper ghaliex kien meqjus li jaghti servizz lir-Restaurant. Kienu qed jinghataw nofs dan is-sehem Brincat u Cardona ghaliex kienu qed jatu parti minn dan is-servizz flok Riolo. Meta spicca Riolo kieku gie mpjegat storekeeper kwalifikat biex jaghmel ix-xoghol kollu tal-kariga kien jircievi s-sehem skond il-prattika stabbilita u ma kienx ikun hemm il-htiega li Brincat u Cardona jibqghu jghatu kontribut lir-Restaurant billi jghamlu xoghol li normalment kien jaspetta lis-storekeeper.

Fil-fatt il-Kumpanija ma mpjegatx il-haddiehor flok Riolo u baqghet tinqeda bis-servizzi ta' Brincat u Cardona ghal xoghol klerikali u tat ix-xoghol l-iehor lil impjegat fir-Restaurant u ta' dan ikkompensatu.

Minn dan kollu jidher car li l-prattika stabbilita sa mill-bidu kienet bazata fuq principju li jippartecipa fis-"Service Charge" kull min kien jaghti servizz lir-Restaurant. Ma hemmx dubju li Brincat u Cardona taw servizz lir-Restaurant bejn Marzu 1998 u Frar 1999 u ghalhekk huwa xieraq li s-somma ta' Lm 286 (mitejn u sitta w tmenin lira Maltin) mizmuma mill-Kumpanija f'Suspense Account ghandha tithallas lill-Brincat u Cardona nofs kull wiehed.

Il-Casino Employees Union ikkontendiet li ghal xi zmien Brincat u Cardona kienu jghamlu ukoll xoghol manwali flok l-istorekeeper. Il-Kumpanija tghid li kienu saru arrangamenti biex Brincat u Cardona jkunu jistghu juzaw is-servizzi ta' mpjegat iehor ghal xoghol manwali. Dan jidher li ma hadimx sewwa izda ma giex stabbilit definitivvament jekk dan kienx nuqqas minn naha tal-Kumpanija nkella ghaliex Brincat u Cardona ma nsistewx biex din l-ghinuna tinghata. It-Tribunal jidhirlu li L-Kumanija ghandha thallas lill-Brincat u Cardona is-somma ta' Lm 100 (mitt lira Maltin) kull wiehed bhala kumpens nominali ta' xoghol manwali li wettqu flok l-istorekeeper, liema xoghol ma kienx kompitu taghhom.

Ghalhekk it-Tribunal jordna li l-Kumpanija ghandha thallas lill-Brincat u Cardona l-ammont ta' Lm 286 (mitejn u sitta w hamsin lira Maltin) mizmumin f'Suspense Account u dan nofs kull wiehed kif ukoll is-somma ta' Lm 100 (mitt lira Maltin) kull wiehed fi zmien sitt gimghat mid-data ta' l-lum.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

George Borg-Cardona
Chairman

Michael J. Mallia
Membru

Edward Abela
Membru

Emma Muscat
A/Segretarja